# Z A G H Z U G H   I L - L U M .

JIEHDU SEHEM:

MARIA - IL-MARA TA'

JOHN - IL- MISSIER

ALBERT - L'GHARUS TA'

LOUISE - OHT

MARIO

YYYYYYYYYYYYYYYYYYYYYYYYYYYYYYYYYYYYYYYYY

KITBA TA ;

FABIAN MIZZI

YYYYYYYYYYYYYYYYYYYYYYYYYYYYYYYYYYYYYYYY

PRODUZZJONI

DRAMA ENTERTAINMENT COMPANY

@@@@@@@@@@@@@@@@@@@@@@@@@@@@@@@@@@@@@@@@@@@@@@@@@@@@@@@@@@@@@@@@@@@@@@@@@@@@@@@@@@@@@@@@@@@@@@@@@@@@@@@@@@@@@@@@@@@@@@@@@@@@@@@@@@

1 XENA

L-OMM U IL-MISSIER BILQEDGHA FUQ SUFAN. L-OMM TGHID IR-RUZARJU U IL-MISSIER JAQRA IL-GAZZETTA.
JINSTEMGHU SAJJETTI U RIH U JIDRU XI BERAQ.

Omm — Santa Barbara, la deni u lanqas hsara. Kemm hu maltemp. Isma nispera li kullimkien magluq hux?

Missier — Iva, kullimkien maghluq. Issa toqghodx tinkwieta l'aqwa li ninsabu kollha migburin.

Omm — It-tifel fejn hu?

Missier — Fuq, jinhasel.

Omm — Imn'Alla li hu il-maltemp ghax b'hekk ser inkunu kollha migburin.

Missier — Nispera li ma jkunx irid johrog f'temp bhal dan.

Omm — U int bi hsiebek thallih johrog? Trid tkun mignun f'dan it-temp.

Missier — Dak issa ghandu l-eta tieghu u jien ma nistax nindahallu.

Omm — Izda diment li qed jorqod go darna, irid jisma' milli nghidulu ahna.

Missier — Insomma, issa inutli li noqghodu niddiskutu ahna bejnietna forsi ma jkunx irrid johrog wara kollox.

Omm — Iskot, ghax qed nisimghu niezel it-tarag.

JIDHOL IT-TIFEL, ALBERT.GUVNI TA XI GHOXRIN SENA. LIEBES PULIT B'RAIN COAT FUQU.

Omm — Ibni fejn sejjer? M'intix bi hsiebek tohrog hux?

Missier — Issa ma tarax li mhux temp tal-hrug!

Albert — Pa, ghandi bzonn nohrog, miftiehem ma Louise u xi hbieb ohra.

Omm — Izda ma tarax li dawn mhux ser johorgu f'temp bhal dan. Iridu jkunu mgienen.

Albert — Ma, ahna ftehmna li niltaqghu, ikun xi jkun it-temp. Wara kollox ahna mill-karrozza ghal gewwa u minn gewwa ghall-karrozza, mhux ser noqghodu barra.

Missier — Izda ibni, ma tafx li hu perikoluz isuq f'temp bhal dan. It-tfajla tista' tistenna u shabek ukoll.

Albert — Pa, ghalxejn toqghod tghid, ghandi bzonn nohrog, u ma nistax ma nohrog.

Omm — Imma ibni, ftakar......

Albert — Aqtawa. Jien ghandi bzonn nohrog u hiereg, daqshekk u tghidux kelma ohra. Wara kollox jien ghandi l-eta tieghi u naf x'jien naghmel. Tlaqt. JOHRIG.

Omm — Le ibni, tmurx isma minni.

Missier — Issa ghalxejn tghajjat ghax la ried imur mar. Ma nafx x'inhi din il-bicca daqshekk urgenti. Donnu kien jidher li jekk ma johrogx ser taqa' id-dinja.

Omm — Veru, anke jien inutajta, izda ma nafx x'naqbad nghid. Nispera li ma jdumx ma jigi ghax issa ma noqghodx bi kwieti sakemm jasal.

Missier — Tridu jasal ghadu kemm telaq, nahseb ghadu l-anqas il-karrozza ma hareg.

JINSTEMA' HOSS TA' KARROZZA TAHBAT. L'OMM U IL-MISSIER JOHORGU U WARA FTIT JIDHLU BIT-TIFEL KORRUT. JIXTHUH FUQ IS-SUFAN U OMMU TIBKI HEMM TIFLAH. IKUN HEMM UKOLL XI NIES.

Omm — Ibni, ibni, kellimna. X'bicca gralna. IHOSSA HAZIN.

Missier Issa toqghodx taghmel hekk. Ejja.
IPPOGIHA FUQ IS-SUFAN.
Halli incempel l-ambulanza. Skuzawni sinjuri l'anqas naf x'jien naghmel. ICEMPEL. Hello, emergenza? Ejjew malajr 37 Church street, Santa Lucia... iva korra gravi... Thank-you ciao.

Ragel Ahna ser immorru. Jekk ikollok bzonn ta' xi haga ghidilna.

Missier Grazzi hafna u zkuzani li ma komplejtx maghkom. Izda l'anqas naf x'jien naghmel.

Ragel Tibzax, kompli, kompli. Sahha.

Missier IWASSALHOM SAL-BIEB.. Sahha u grazzi mill-gdid.
TINSTEMA' L-AMBULANZA.
Giet l-ambulanza. Ejja halli jiehuk l-isptar, nispera li mhux gravi.

IL-MISSIER JOHROG U WARA FTIT JIDHOL MA ZEWG NURSES BI STRETCHER F'IDEJHOM JERFGHU LIL-ALBERT IPPOGUH FUQ L-ISTRETCHER U JOHORGU BIH. WARAJHOM L-OMM U IL-MISSIER.
BLACK-OUT FOR QUICK CHANGE. JIGHER IL-MISSIER LIEBES NIGHT GOWN JIDHER INKWETAT HAFNA. BAQQA JQUM JIPPASSIGA U JERGA' JPOGGI. HDEJN IS-SUFAN HEMM TAVOLINA B'KIKKRA TAT-TE U AFFARIJIET OHRA.

Missier Imma jien jahasra ghax kellu jigrili hekk. Ibni ghadu kemm gie mill-isptar u ommu telqet l-isptar ftit warajh. L-imkwiet inhossu fnieni. Maria qedgha l-isptar tbati b'hass hazinijiet u mill-accident ta' Albert l'hawn marret lura wisq. Nispera li ma ddumx ma tigi ghax inhosni li ma nistax nghix minghajra.

(Jinstema' xi hadd nizel. Wara ftit jitfacca Albert liebes night gown ukoll. Jintefa' fuq is-sufan, sigarett f'idu, Kollu infaxxat u ghandu bixra ta wiehed drogat.)

Albert X'garalek pa? Smajtek titkellem wahdek, jaqaw qed tiffisa int ukoll?

Missier  Ibni taf, taf f'liema inkwiet gibtni. Ommok mixhuta f'qiegh ta' sodda, dan kollu ghax ma smajtx minna.

Albert  IHRABJAT. Issa xebbajtni, kollox kull ma jigri htija tieghi. Kollox jien nehel. KWAZI JIBKI.

Missier  Ibni, taf li ommok jaghmlila hazin l-inkwiet.

Albert  Iva naf, u naf ukoll li ommi marret l-isptar imhabba fiha, izda issa bizzejed, xbajt nisma', daqshekk nispiccawa.
JIXGHEL IT-TELEVISION.

Missier  Mela nispiccawa la trid hekk. Jien tiela fuq.

JOHROG. WARA FTIT IC-CEMPEL IL-BIEB. ALBERT IMUR JIFTAH U JIDHLU HU U LOUISE.

Albert  Ghaddi, ghaddi Louise. Naghmillek xi haga x'tixrob.

Louise  No thanks Albert. Kif int qalbi?

Albert  Mhux hazin, dalwaqt nigi f'tieghi u nergghu nibdew ghal-hajja normali, mhux veru hi?

Louise  Albert thobbni?

Albert  Louise, hemm bzonn nghidlek li nhobbok? Ma tafx li jien lest li naghmel kollox ghalik! IBUSA.

Louise  Albert issa ahjar immur ghax sar il-hin.

Albert  Ga sejjra hanini?

Louise  Iva Albert, izda ghada nerggha nigi narak. Ciao ghalissa!

Albert  Ejja halli nwasslek sal-bieb. JOHORGU.
ALBERT JERGA JIDHOL FUQ IL-PALK. JOHROG BOTT BIL-PILLOLI JIEHU WAHDA U JISPICCA IL-GROKK. JITLA' FUQ . BLACK-OUT
MUSIC.

ALBERT BILQEDGHA FUQ PULTRUNA JAQRA WARA FTIT JINZEL IL-MISSIER LIEBES PULIT.

Missier Jiena sejjer nara lil-ommok, trid tghidilha xi haga?

Albert Xi tridni nghidilha? Li tort tieghi grala hokk?

Missier Albert, tkunx qalbek hazina. Issa insa il-kliem li ghidna il-bierah, il-lum jum iehor, jum gdid, jum differenti, nahsbu biex nirrangaw id-differenza ta' bejnietna.

Albert Kont hiereg pa?

Missier Insomma tlaqt la ma tridx tisma'.

JOHROG. ALBERT JIXGHEL SIGARETT. IHARES MADWARU BIEX IKUN CERT LI MA HEMM HADD, JOHROG SIRINGA U BIL MOD IL-MOD ITTAQAB LILU INNIFSU. JIEHU NIFS TA' SODISFAZZJON U JINTELAQ FUQ IS-SUFAN.WARA FTIT ICEMPEL IL-BIEB. IQUM JIGRI BHAL LI KIEKU QAM MINN XI HOLMA. JAHBI IS-SIRINGA FIL-KEXXUN U JMUR JIFTAH, JINSTAMA' GHAJJAT. JIDHOL ALBERT FLIMKIEN MA LOUISE U HUHA MARIO. MARIO JAQBAD LIL-ALBERT MINN SIDRU.

Mario Ara x'ser nghidlek, jekk b'ommok u b'missierek ser taghddi iz-zmien b'ohti m'intix ser tohrog ta' ragel. Li ma kellekx wiccek bla zejt tittradieli lil-ohti f'wiccha, thobbok tant. Jekk tahseb li ser tibqa' fidila lejk sejjer zball ta!

Albert Imma jien x'ghandi x'naqsam? X'ghamilt jien?

Mario X'ghamilt? Ghandek il-wicc vili tistaqsini x'ghamilt. Wara li hbatt bil-karrozza, kellek il-kuragg li tibdel lil-ohti? U issa sirt naf ukoll li qed tidroga ruhek.

Louise Mario, hallih Mario. TIBKI.

Mario Int tindahallx. JINBUTTA.

Albert Hallini, mhux veru. Dan kollu gideb tan-nies.

Mario Eh iva, gideb tan-nies. JIBDA JQALLEB. FL-AHHAR JIFTAH IL-KEXXUN. Dan gideb? Mela din x'inhi? X'inhi din?

Louise Mario imxi immorru, imxi immorru Mario.

Albert Louise jien inhobbok, inhobbok Louise!

MARIO JAQBAD LIL-LOUISE U JOHORGU IL-BARRA.

Albert Louise jien inhobbok, x'garali, x'garali Louise. Jien qatt ma bdiltek ma hadd u ma xejn. Dawn, dawn il-mishutin drogi' inhosshom qerduni. JARMIHOM. Imma ghaliex jien kelli jigrili hekk. Ghaliex Louise, ghaliex hsibt hazin fija? Jien inhobbok Louise, inhobbok.

JINXTEHET JIBKI MA L-ART. FIL-PRONT JIDHOL IL-MISSIER.

Missier MINN BARRA. Albert, ghandi ahbar tajba ghalik. JIDHOL U JARA LIL-ALBERT MA' L-ART. Albert x'garalek? Albert, Albert!

Albert Pa, jiddispjacini, ahfirli!

BLACK-OUT U MUSIC.

L-GHADA FIL-GHAXIJA. ALBERT JIEHU IT-TE U IL-MISSIER JAQRA IL-GAZZETTA, LIEBES PULIT. IHARES LEJN L-ARLOGG.

Missier Oh! Kemm sar hin. Sejjer l-isptar jien.

Albert Mur pa ghax sar il-hin u sellili ghall-mummy u ghidilha li ma ndumx ma nkun nista' nigi nara.

Missier Halli f'idejja, nghidilha. Ciao.

Albert Ciao.

WARA FTIT ICEMPEL IL-BIEB.

Albert Nesa ic-cwievet nahseb.

IMUR JIFTAH. JIDHOL HU U LOUISE. HU JMUR FUQ NAHA U HI TMUR FUQ NAHA OHRA.

Louise Albert, jiddispjacini ghax dak li qalu fuqek ma kienx veru

It-tort kollu tieghi ghax emminthom. Nitolbok tahfirli, Albert.

Albert Mhux kull ma qallulek kien gideb. Jien veru li wara l-incident hassejtni wisq depressed li tajta ghad-drogi, izda lilek Louise qatt u qatt ma bdiltek ma hadd u ma xejn. Jien, jien inhobbok Louise.

Louise Inhobbok Albert. JITGHANNQU U JITBEWWSU. WARA FTIT JIDHOL IL-MISSIER.

Missier Milli qed nara kollox gie ghal li kien.
JIDHOL MARIO.

Mario Albert, jiddispjacini li kont daqshekk iebes mieghek, izda xi xi nies sekksicka gidbu fuqek, jiddispjacini Albert.

Albert Ma gara xejn. Int kellek xi ftit tar-ragun ukoll.

Missier Ujien ghandi sorpriza ohra ghalikom. TIDHOL L-OMM.

Louise u Albert Ma! JMORRU FUQHA. KOLLHA JITGHANNQU U JITBEWWSU.
MUSIC. SIPARJU BIL-MOD.

T M I E M .

*************************************************************************